TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 909

KAZ 1139

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Alex Abela

u

General Soft Drinks Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta

Data : 15 ta' Dicembru 1997

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 13 ta' Mejju 1997 b'referenza MHS/TI/34/97 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 9 seduti.

Alex Abela, aktar il quddiem jissejjah l-"appellant" kien assistit mis-Sur Gejtu Mercieca, Segretarju tat-Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers Union, u ghal General Soft Drinks Co. Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", dehru l-Avukat Andrew Borg-Cardona u s-Sur Alfred Mallia Milanes.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant isostni li gie mkecci ngustament mill-impieg fuq allegazzjoni ta' komplicita ta' serq li qatt ma giet ipprovata. Ghalhekk talab li ghandu jitqies li baqa' fl-impieg tal-Kumpanija minghajr ebda telf ta' paga tul iz-zmien kollu li ilu wieqaf mix-xoghol.

Mix-xhieda jirrizulta li Joseph Farrugia, Gate-Keeper mal-Kumpanija, kien hareg tliet pakketti ilma mill-Kumpanija u sussegwentement dawn nstabu fil-pussess tieghu mill-Pulizija. Hdax il-gurnata wara, b'rizultat li f'ittra, li baghat Joseph Farrugia jew l-avukat tieghu, ssemmha li dan kien informa lill-appellant li kien ha l-ilma, saret akkuza ta' komplicita f'serq u l-appellant gie mkecci mill-impieg.

Hu xhed li dahal ghax-xoghol fid-9.45 pm u kellu jibdel lil Joseph Farrugia ghax-shift li jibda fl-10 pm. Dan qallu li kien ha tliet pakketti ilma minn fuq truck u talbu javza lil dak li jibdlu fis-6 ta' filghodu biex jghid lil tat-truck li ser ihallas ghalihom kif jidhol ghax-xoghol l-ghada. Din ix-xhieda ma gietx kontestata izda l-Kumpanija sostniet li, ghax l-appellant kien jaf li Joseph Farrugia hareg l-ilma u ma rrappurtx dan il-fatt lill-management, allura kien komplici. Ma accettatx l-ispjega tieghu u kecchietu. L-anqas ma nghata l-opportunita li ssirlu difiza mis-Segretarju tat-Taqsima tal-GWU, li dak in-nhar kien impenjat b'xoghol iehor, ghaliex il-Kumpanija nsistiet li kellha tittiehed decizjoni dak il jum stess.

L-appellant jikkontendi li hu kien jibda x-xoghol fuq ix-shift tieghu fl-10 pm u waqt li kien "duty" ma halla lil hadd johrog xi propjeta tal-kumpanija. Haddiem iehor kien talbu jwassal risposta fuq xi haga li dan kien ghamel qabel hu ma beda "duty" fuq ix-shift tieghu. Fic-cirkostanzi ma deherlux li kellu xi obbligu li javza lill-management.

It-Tribunal wara li ezamina x-xhieda u kkunsidra ic-cirkostanzi tal-kaz wasal ghall-konkluzjoni li :

1) meta Joseph Farrugia hareg il-pakketti ta' l-ilma l-appellant ma kienx "duty" ;

2) l-fatt li l-appellant ma rrappurtax lill-management li haddiem kien talbu jwassal risposta lil haddiem iehor dwar tehid ta' pakketti ilma f'perijodu meta ma kienx "duty" ma jistghax minnu nnifsu jitqies bhala komplicita f'serq minghajr provi ulterjuri li ppartecipa jew ghen fit-tehid ta' tali oggetti ;

3) mix-xhieda ta' Joseph Spiteri, Gate-Keeper mal-Kumpanija, jitqajjem dubju serju kemm l-appellant kien dispost jerfa' r-responsabbilta li jghaddi direttament ir-risposta kif intalab minn Joseph Farrugia. Jidher li kull ma ghamel kien li fis-6 am ghadda telefonata ta' Joseph Farrugia lil Joseph Spiteri fejn qallu bil-kaz. Dan jista' jindika li l-appellant ghazel li ma jindahalx direttament fil-kwistjoni. Joseph Spiteri, li nghata l-istess informazzjoni u fil-fatt ghadda l-messag, anqas ma rrapporta l-kaz lill-management u ma giex imkecci bhal l-appellant ;

4) il-kaz kontra l-appellant beda fuq dikjarazzjoni f'ittra mibghuta minn Joseph Farrugia jew l-avukat tieghu li involvietu w li minhabba fiha l-Kumpanija akkuzatu ta' komplicita. Hawnhekk it-Tribunal jirremarka li din l-ittra ssemmiet fix-xhieda izda ma gietx prodotta mill-Kumpanija ;

5) ghal kuntrarju ta' dak li gara fil-kaz ta' Carmelo Farrugia, (Kaz 1138) li nstema' ma dan il-kaz, il-Kumpanija ddecidiet hi li saret offiza. Ghamlet akkuza kontra l-appellant bazata fuq allegazzjoni ta' terza persuna biex tiskolpa ruhha minn nuqqas. F'dak l-istadju tali allegazzjoni kienet ghada trid tigi ppruvata. Ghalhekk ma kienx kaz li jikkwalifika ghal "summary dismissal" u l-Kumpanija kellha l-obbligu li taghmel il-proceduri stipulati fil-Ftehim Kollettiv izda naqset li taghmilhom ;

6) l-appellant ma nghatax opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu meta gie mcahhad mill-assistenza tas-Segretarju tal-GWU. Kien facli li jsiru arrangamenti adekwati mill-Kumpanija biex l-appellant jinghata opportunita li jezercita dan id-dritt ;

7) l-akkuza ta' komplicita f'serq b'ebda mod ma giet ipprovata.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija ma kellhiex raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tkecci lill-Alex Abela u jordna li dan jerga' jinghata lura l-impieg minghajr telf ta' paga ghaz-zmien kollu li ilu barra mill-impieg.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' 1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din it-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU